**PARTEĊIPAZZJONI FI PROĠETTI TA' KOOPERAZZJONI TERRITORJALI:**

**L-ewwel sejħa għall-proposti ta' proġetti taħt il-Programm MED 2007 - 2013**

Bħala l-koordinatur nazzjonali tal-programmi ta' kooperazzjoni territorjali, id-Diviżjoni għall-Ko-ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajet fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim Ministru qed jinforma l-pubbliku bl-ewwel sejħa għall-proposti ta' proġetti taħt il-Programm MED.

L-għan ewlieni tal-Programm MED huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transnazzjonali bejn atturi reġjonali u dawk nazzjonali sabiex l-ispazju tal-baħar Mediterran isir territroju li jista' jilqa' għall-kompetizzjoni internazzjonali, filwaqt li jassigura t-tkabbir u x-xogħol. Aktar min hekk, il-programm se jagħti appoġġ lill-koeżjoni territorjali u se jintervjeni favur il-protezzjoni ambjentali fi ħdan il-kwadru ta' l-iżvilupp sostenibbli.

Taħt dan il-programm, l-imsieħba Maltin se jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proġetti transnazzjonali flimkien ma' imsieħba oħra minn Ċipru, il-Greċja, l-Islovenja, Ġibilta, Franza, l-Italja, il-Portugall u Spanja. Dawk l-imsieħba interessati jistgħu iressqu proġetti taħt dawn l-erbgħa prijoritajiet, fosthom:

Prijorita' 1: Tisħieħ tal-kapaċitajiet innovattivi;

Prijorita' 2: Protezzjoni Ambjentali u promozzjoni ta' l-iżvilupp territorjali sostenibbli;

Prijorita' 3: Titjib tal-mobilita' u l-aċċessibilta' territorjali;

Prijorita' 4: Promozzjoni ta' żvilupp poliċentriku u integrat tal-ispazju MED.

Is-sejħa għall-proposti ta' proġetti kienet imnhedijja fit-3 ta' Marzu 2008 u tagħlaq fit-2 ta' Mejju 2008. Aktar informazzjoni dwar il-Programm MED tista' tinkiseb mis-sit : www.programmemed.eu jew mill-Unita' ta' Kooperazzjoni Territorjali fuq l-email : info.ppcd@gov.mt.

**DOI – 06.03.2008**